**Kunsill Lokali Ta' Xbiex**

**<u>Il-Pjan ta' Ħidma</u>**

**Il-Pjan ta' Ħidma 2018 – 2020 (ikopri l-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020)**

**Werrej**


| | |
|---|---|
| ***Introduzzjoni u Analiżi tas-sitwazzjoni*** | ***1*** |
| ***L-Istqarrija tal-Missjoni u l-Valuri*** | ***2*** |
| ***L-Għanijiet, ir-Riżultati Mistennija u l-Istrateġija*** | ***3*** |
| ***L-Organizzazzjoni*** | ***8*** |
| ***It-Tbassir dwar il-Finanzi u r-Rendiment*** | ***9*** |


*Approvat waqt il-laqgħa tal-Kunsill tal-31 ta' Jannar 2018*

## *1.0 Introduzzjoni u Analizi tas-Sitwazzjoni*

**Dan il-Pjan ta' tliet snin ikopri l-perjodu l-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020. Il-Pjan huwa wieħed mill-għodod l-aktar importanti fil-ħidma ta' kull organizzazzjoni għaliex permezz tiegħu l-istess organizzazzjoni tistqar l-impenn għall-ħidma futura tagħha billi tistabbilixxi l-viżjoni tal-organizzazzjoni kif ukoll billi, permezz tal-istrateġiji elenkati fil-Pjan, tasal li twettaq il-viżjoni tagħha. Minħabba fl-importanza kbira li għandhom il-Kunsilli Lokali, bħala Gvernijiet Lokali, ma jistax jonqos li dan il-Pjan ikollu post importanti fil-ħidma tagħhom. Fil-każ tal-Kunsilli Lokali, dan isir dejjem fil-kuntest tal-missjoni tal-Kunsill, missjoni li l-qofol tagħha toħroġ mill-liġi tal-Kunsilli Lokali. Filwaqt li dan il-Pjan iservi wkoll bħala l-kejl li bih il-Kunsill ikejjel ħidmietu, m'għandu jkun qatt li jirrestrinġi lill-Kunsill milli jiżviluppa ideat ġodda, speċjalment f'ħidma dinamika bħalma hija tal-Kunsill u meta tiddependi ħafna miċ-ċirkostanzi esterni tal-Kunsill, aktar milli interni. Dan pero' għandu jsir b'attenzjoni u b'reqqa biex jiżgura li d-direzzjoni tkun l-istess ħalli b'hekk verament dan id-dokument iservi ta' għodda tajba. Biex ikun Pjan dinamiku l-Kunsill irid jibqa' jġedded il-viżjoni u l-istrateġiji skont iċ-ċirkostanzi tal-mument f'dinja li dejjem qed tinbidel u fi sfidi u opportunitajiet ġodda. L-opportunitajiet li jeżistu huma kbar u sta għalhekk għall-Kunsill, permezz tal-istrutturi tiegħu, li jisfrutta kull opportunita' li tiġi.**

| *Iffirmat* | *Iffirmat* |
|---|---|
| **Max Zammit**<br>**Sindku** | **Clayton Xuereb**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

## 2.1 L-Istqarrija tal-Missjoni

**Biex jaqdi l-funzjonijiet statutorji kollha bl-aħjar mod possibli filwaqt li jgħolli l-kwalita’ tal-ħajja tar-residenti tiegħu billi joffri u jżid servizzi tal-aqwa livelli.**

## 2.2 Il-Valuri

***Il-Valuri tal-Kunsill Lokali Ta’ Xbiex huma:***

- **Il-promozzjoni tal-interess tal-komunita’ tagħna filwaqt li ma ninsew qatt il-bżonnijiet ta’ individwi b’sitwazzjonijiet partikulari.**
- **Amministrazzjoni ġusta u trasparenti fix-xogħol tal-Kunsill.**
- **Rispett għall-opinjonijiet u twemmin diversi tal-komunita’ tagħna ’l bogħod minn kull politika partiġjana.**
- **Rispett għall-ambjent u l-wirt kulturali u storiku ta’ Ta’ Xbiex.**

## 3. L-Għanijiet u r-Riżultati Mistennija

| Il-miri tagħna | Meta naħsub li jitwettaq | Ir-Riżultati Mistennija/Strateġija |
|---|---|---|

### 3.1 SERVIZZ LIL U INVOLVIMENT TAR-RESIDENTI

| | | |
|---|---|---|
| Ir-residenti kollha jħossuhom parteċipi fit-tmexxija tal-lokalita'.<br><br>Ikompli jtejjeb is-servizzi offruti mill-Uffiċini tal-Kunsill. | 2018/2020 | Il-Kunsill għandu jkollu s-sistema aġġornata sabiex ikunu nistgħu naqqdu lir-residenti l-lokalita' tagħna iktar fis possibli, kemm hekk għandhom ilment kif ukoll kull tip ta' għajnuna oħra. Il-Kunsill għandu kemm jista jkun jimxi id f'id mas-servizzi li jagħtu l-gvern ħalli nkunu nistgħu nittrattaw l-ilmenti fil-ħin u naqdu lir-residenti kemm jistajkun malajr.<br><br>Il-Kunsill għandu wkoll jieħu ħsieb li l-post ikun miżmum u mantnut kif inhu xieraq.<br><br>Il-Kunsill għandu jipprovdi lill-ħaddiema kemm tal-*customer care* kif ukoll dawk li jieħdu ħsieb il-manutenzzjoni l-aħħar teknoloġija u l-aħjar għodda biex b'hekk ikunu jistgħu jkunu effiċjenti u jipprovdu servizz aħjar lir-residenti tal-lokalita tagħna.<br><br>Il-Kunsill meta jiddeċiedi li jsir xi proġett ġdid fil-viċinanza tal-binja tagħhom, jlaqqahom flimkien u jispjegalhom x'ħa jkun il-proġett. Wara jkollhom ċans jikkonsultaw u jagħtu l-opinjonijiet tagħhom. Wara din il-laqgħa l-kunsill jikkunsidra xi affarijiet biex ikun jista jikkuntenta iktar lir-residenti.<br><br>Fejn tinħass il-ħtieġa u jkun hemm rieda mir- residenti, il-Kunsill jistabilixxi sottokumitat biex iservu bħala punt ta' riferenza fiz-zona partikulari tagħhom.<br><br>Kooperazzjoni ikbar mal-għaqdiet biex ma nħallux vojt u niskansaw id-duplikazzjoni. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsill iqabbad nies professjonali fuq Fondi Ewropej. Fejn dawn dejjem iffitxu u jaraw f'liem proġetti nikkwalifikaw għaliehom ħalli aħna inkunu nistgħu nibbenefikaw min dawn il-fondi u nkunu nistgħu nsebħu l-lokalita' tagħna. |

*3.0 L-Għanijiet, ir-Rizultati Mistennija u l-Istrateġiji (ikomplu)*

## 3.2 ĦIDMA SOĊJALI

| | | |
|---|---|---|
| **Prijorita' ogħla lill-aspett soċjali.**<br>**Il-Kunsill jara xi bżonnijeit li għandhom ir-residenti u jara kif jista jaqdiehom.**<br>**Ħadd ma jħossu waħdu jew maqtugħ mis- soċjetà.**<br>**Ħidma kontra t-tixrid u l-vizzju tad-droga u vizzji oħrajn.** | **2018/20** | **Naħdmu ma' dipartimenti u aġenziji tal-gvern kif ukoll ma' għaqdiet volontarji sew nazzjonali kif ukoll lokali. Il kunsill huwa membru tal organizzazjoni ECAD u ħa jibqa jaħdem ma l-entitajiet governattivi biex il-lokal tagħna jibqa drug free.**<br>**Issir analiżi profonda għal identifikazzjoni u kwantifikazzjoni tal-ħtiġiet li jkollhom bżonn ir-residenti, b'konsultazzjoni u ko-operazzjoni ma' dipartimenti, aġenziji u għaqdiet volontarji.**<br>**Ko-operazzjoni mal-Aġenziji u għaqdiet volontarji biex jiġu żviluppati servizzi ta' *counseling*.**<br>**Identifikazzjoni ta' voluntieri.**<br>**Il-Kunsill jaħdem ħafna biex jorganizza attivitajiet kif ukoll korsijiet tal-kompjuter biex jgħin lill-anzjani tal-lokalita' tagħna biex joħorġu u jiltaqaw ma nies ġodda u forsi jsibu ukoll żvog ieħor.**<br>**Il-Kunsill rrid jaħseb iktar għal dawk il-persuni b'diżabilita' u jagħmilhom aċċess fil-postijiet pubbliċi kif ukoll jagħmel attivitajiet ġewwa Ta' Xbiex fejn dawn ikunu jistgħu jattendu.**<br>**Il-Kunsill huwa bil-ħsieb li jfittex opportunitajiet li jistgħu jinqalaw permezz ta' proġetti ta' *networking,* speċjalment b'fondi Ewropej, biex dejjem nsebħu l-ambjent, ntejbu l-edukazzjoni tan-nies.** |

### 3.4. L-AMBJENT

| | | |
|---|---|---|
| Nedukaw aktar il-komunita’ kif nistgħu ntejbu l-ambjent tal-lokalita’.<br><br>Aktar residenti jisseparaw l-iskart tagħhom.<br><br>Il-kurduni nimlew iktar sigar u arbuxelli u pjanti.<br><br>Livell ogħla ta’ indafa fil-lokalità.<br><br>Jagħmel postijiet naturali aktar aċċessibli.<br><br>Jaħdem biex jitnaqqas it-tniġġis fl-arja u kwalunkwe sors ta’ tniġġis..<br><br>Nieħdu ħsieb il-ġonna kkurati u naħsbu fejn nistgħu noħolqu oħrajn ġodda. | 2018/20 | Nkomplu nagħmlu kampanja edukattiva fost ir-residenti kif għandhom joħorġu u jisseparaw l-iskart.<br><br>Inżiedu iktar *bring in sites* biex tkun iktar faċli għar-residenti biex jiddisponu minn skart filwaqt li tiżdied is-separazzjoni tiegħu.<br><br>Nagħtu kas lill-kuntrattur jimxi u jirrispetta dak li kellu miktub fil-kuntratt.<br><br>Naħsbu kif nistgħu nħajjru iktar tal-lokalita tagħna biex jibdew jisseparaw fil-borża tar-riċiklaċċ kif ukoll il-borża tal-organiku.<br><br>Naraw fejn nistgħu niżviluppaw żoni fejn ir-residenti jistgħu jqattaw naqa ħin liberu tagħhom u jkunu aċċessibli għal kulħadd. Forsi nistgħu nidentifikaw xi żona fejn ma jiġiex daqshekk użatt u nkunu nistgħu nagħmlu xi tip ta’ ġnien pubbliku.<br><br>Nżiedu aktar *bike racks* biex nħeġġu lin-nies jużaw ir-roti.<br><br>Nżiedu ukoll CCTV cameras fejn ikun meħtieġ bħala mezz ta’ kontroll. |

### 3.5 TOROQ, BANKINI U TISBIEĦ

| | | |
|---|---|---|
| **Toroq u bankini tajbin b'sigurtà ikbar.** | **2018/20** | **Niġru wara l-awtoritajiet biex jinksew aktar toroq bit-tarmak skont il-lista ta' prijorità stabbilita mill-Kunsill.**<br>**Naraw li l-ħaddiema għandhom l-għodda meħtieġa biex jżommu t-toroq u tisbieħ kif suppost. Naraw li l-linji sofor u bojod jidru sew u hekk hemm bżonn li timtela xi ħofra issir ukoll. Is-sinjali ikunu ċari u jagħmluhom b' tali mod li jarahom sew ix-xufier.**<br>**Nżommu lista ta' fejn hemm bżonn manutenzzjoni kemm fit-toroq kif ukoll fuq il-bankini.**<br>**Naċċertaw ruħna li l-bankini fil-lokalita' tagħna huma kollha aċċessibli għal dawk il-persuni b'diżabilita'.** |
| **Jiġi priservat u restawrat l-aspett tradizzjonali ta' Ta' Xbiex l-antik.** | | **Nsebbħu dawk it-toroq antiki u nerġgħu nirrestawrahom biex nsebbħu iktar l-ambjent u ma nitilfux is-sbuħija tal-bini antik.** |

### 3.6 TRAFFIKU

| | | |
|---|---|---|
| **Sigurta' ikbar għar-residenti meta jużaw it-toroq.**<br>**Tnaqqis fit-tniġġis ta' l-arja.** | **2018/20** | **Sistemi ta' traffiku f'direzzjoni unika fejn meħtieġ.**<br>**Konsultazzjonijiet u ko-operazzjoni mal-Gvern Ċentrali biex jitwettqu miżuri biex jonqos il-periklu fejn hemm il-*flood relief project*.** |

### 3.7. INFURZAR LOKALI

| | | |
|---|---|---|
| • **Kontroll tat-traffiku**<br>• **Vandaliżmu** | **2018/20** | **Inġibu rappreżentant tal-pulizija jew ta' gwardjan biex nkunu nistgħu nagħmlu programmi edukattivi fil-qasam tat-traffiku kif ukoll ta' l-ambjent.**<br>**Biex nagħmlu l-ħajja tar-residenti aktar faċli nippublikaw fuljett informattiv** |

| | | |
|---|---|---|
| | | b'mod li jiftiehem sewwa mill-pubbliku.<br><br>Cameras tas-sigurtà. |

*3.0 L-Għanijiet, ir-Rizultati Mistennija u l-Istrateġiji (ikomplu)*

### 3.8 KULTURA U EDUKAZZJONI

| | | |
|---|---|---|
| Inżiedu it-turiżmu lokali | 2018/20 | Bħal kull sena norganizzaw attivita' Connecting through Culture li tkun opportunita' fejn nlaqqgħu l-Ambaxxatti kollha flimkien u kulħadd jagħmel l-ikel u xorb tipiku tal-pajjiz tieghu.<br>Noffru iktar informazzjoni dwar il-lokalita' tagħna lit-turisti<br>Naraw li nżommu n-naħa tal-baħar nadifa kull ħin u kull mument għax dik iż-żona tiġbed ħafna turisti u wieħed jista japprezza kemm hu sabiħ il-port u *Manoel Island.* |

### 3.9.SPORT U RIKREAZZJONI

| | | |
|---|---|---|
| Ir-residenti jkunu iżjed attivi.<br>Il-Kunsill jinkoraġixxi dixxiplini sportivi oħra li huma inqas popolari.<br>Ftehim fit-tul mal-għaqdiet lokali biex ikunu organiżżati attivitajiet sportivi b'mod regolari. | 2018/20 | Norganizzaw attivitajiet sportivi fejn il-familja kollha tista tieħu sehem.<br>Nagħmlu *talks* rigward kemm wieħed għandu jżomm ruħu attiv u għandu bżonn l-eżerċizzju. Kif ukoll noħolqu kuxjenza biex jibdew jużaw ir-rota.<br>Nsibu żona fejn nistgħu nagħmlu *outdoor gym*.<br>Nilħqu ftehim mal-kappillan ta' Ta' Xbiex biex norganiżżaw attivitajiet sportivi.<br>Ngħinu lill-Waterpolo club kif ukoll lill-Football Club biex nħajru iktar tfal min Ta' Xbiex biex jibdew xi sports. |

*4.0 L-organiżżazzjoni*

## 4.1 L-Organiżżazzjoni

**L-organiżżazzjoni baqgħet tiddependi għal kollox fuq il-liġi. Dan jirrigwarda kemm il-Kunsill innifsu kif ukoll l-impjegati tal-Kunsill. In- numru ta' Kunsillieri huwa ta' ħamsa.**

**In-numru ta' impjegati, minbarra s-Segretarju Eżekuttiv, huwa ta' tlieta, inkluż persuna *part timer,* kif ukoll tlieta li qegħdin fl-iskema tal-job plus u tnejn oħra mil-IPSL.**

**Is-Segretarju Eżekuttiv iżomm ukoll kollaborazzjoni sħiħa u kuntatt kontinwu mas-Sindku. Ħafna wkoll huma l-każijiet li s-Sindku f'konsultazzjoni mas-Segretarju Eżekuttiv ikollu jieħu ċertu deċiżjonijiet li ma jkunux jistgħu jistennew minn laqgħa tal-Kunsill għall-oħra. Dan però dejjem sar b'responsabbiltà u fil-parametri kollha tal-liġi.**

**Persuni oħra huma l-konsulenti li l-Kunsill jikkuntratta minn żmien għal żmien. Il-konsulenza li tingħata hija dwar aspetti Finanzjarji, Perizja, Legali, żvilupp fil-lokalità, u Inġinerija Elettrika.**

*5.0 It-Tbassir dwar il-Finanzi u r-Rendiment*

# 5.1 Tbassir Finanzjarju għal tliet snin

| | | a | b | c | c-b |
|---|---|---|---|---|---|
| **Nru tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **BAĠIT 2018** (Eur) | **BAĠIT 2019** (Eur) | **BAĠIT 2020** (Eur) | **BAĠIT 2018 - 2020 (Eur)** |
| **2** | **Dħul** | | | | |
| 0000 | Tal-Gvern | 229,889.00 | 232,187.00 | 234,508.00 | **696584.00** |
| 0020 | Bye-Laws | 13,736.00 | 13,783,.00 | 14,011.00 | **41530.00** |
| 0090 | Investiment | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0100 | Generali | 42,096.00 | 42,516.00 | 42,.941.00 | **127553.00** |
| | TOTAL | 285,721.00 | 288,486.00 | 291,460.00 | **865667.00** |
| **1** | **Infieq** | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | 89,344.00 | 90,237.00 | 91,139.00 | 270720.00 |
| 2000 | Manutensjoni u Xoælijiet oħra | 156,736.00 | 158,303.00 | 159,886.00 | 474,925.00 |
| 7000 | Infiq Kapitali | 50,000.00 | 20,000.00 | 20,000.00 | 90,000.00 |
| | TOTAL | **296,080.00** | **268,540.00** | **271025.00** | **835645.00** |
| | **SURPLUS/DEFICIT** | **(10,359.00)** | **19,946.00** | **20,435.00** | **30,022.00** |
| | **BROUGHT FORWARD** | 238697.00 | 228,338.00 | 248,284.00 | 268,719.00 |
| | **CARRY FORWARD** | 228,338.00 | 248,284.00 | 268,719.00 | |

## Noti:

Qed nassumu żieda ta' 1% fis-sena.

## *5.0 It-Tbassir dwar il-Finanzi u r-Rendiment*